**28 ta' April, 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. Edoardo Magri LL.D.**

Salvina Borg noe

*versus*

Joseph Borg

**Filjazzjoni Illeġittima.**

*Biex wieħed jitqies missier naturali ta' tarbija, irid jiġi ppruvat (1) li qrib iż-żmien tal-konċepiment dan kellu relazzjonijiet intimi ma' omm it-tarbija, (2) li omm it-tarbija ma kellhiex dawn ir-relazzjonijiet fl-istess żmien ma' rġiel oħra, u (3) li fl-istess żmien u qabel, l-omm tkun mantniet imġieba u trobbija hekk tajba li mħabba fihom għandu jiġi eskluż moralment li hija seta' jkollha dwar ir-relazzjonijiet ma' rġiel oħra barra minn ma' missier it-tarbija.*

*L-aħħar rekwisit ġie interpretat fis-sens li l-omm ma tkunx uriet kostumi faċli fl-epoka qrib il-konċepiment u fil-kors tal-gravidanza.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi — premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni — premess illi mir-relazzjonijiet li l-attriċi kellha mal-konvenut Joseph Borg twieled fil-25 ta' Frar, 1963, l-imsemmi tifel magħruf bħala Joseph Borg liema twelid ġie reġistrat fir-reġistru pubbliku ta' Għawdex b'att riċevut fis-6 ta' Marzu, 1963 u li jġieb in-numru ta' l-iskrizzjoni mija u ħamsa (105) markat (Dok: A) esibit maċ-ċitazzjoni f'liema att l-imsemmi tifel Joseph Borg ġie reġistrat bħala iben ta' l-attriċi u ta' missier mhux magħruf; talbet illi jiġi dikjarat u deċiż

minn dina l-Qorti illi l-konvenut huwa l-missier naturali ta' l-imsemmi tifel Joseph Borg li twieled minn l-attriċi fil-25 ta' Frar, 1963, u konsegwentement l-istess konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-attriċi pensjoni alimentarja għall-manteniment ta' l-imsemmi tifel, fil-post, ġurnata u mod li jiġu stabbiliti minn dina l-Qorti — salvi d-drittijiet ta' l-attriċi nomine skond l-artikoli 324 u 326 tal-Kodiċi Ċivili għall-annotazzjoni hemm kontemplata skond il-partikolaritajiet tal-konvenut, kif jirriżultaw mis-sentenza ta' dina l-Qorti, jiġifieri, ismu, kunjomu, sengħa, professjoni jew stat ieħor tiegħu, l-età tiegħu, il-post fejn twieled u fejn joqgħod, isem u kunjom missieru u partikolaritajiet oħra rikjesti mill-liġi, bl-ispejjeż.

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

OMISSIS;

Li l-konvenut ammetta fid-dikjarazzjoni li fiż-żmien qrib il-konċepiment ta' l-imsemmija tarbija kellu diversi konġunġimenti karnali ma' l-attriċi, però huwa qiegħed jiċħad il-paternità naturali għaliex l-attriċi ma kenitx ta' kondotta morali tajba u kienet tiffrekwenta diversi rġiel.

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

Li mix-xhieda ta' l-attriċi ma jidhirx li l-kondotta tagħha fiż-żmien qrib il-konċepiment kienet talment mhux riservata u nieqsa minn dik il-moriġeratezza prevista mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, li tintitola lill-ġudikant jeskludi "a priori" il-paternità naturali tal-konvenut a rigward tat-tarbija in kwistjoni.

Li, infatti, huwa risaput li f'materja ta' filjazzjoni illeġittima l-Qrati tagħna stabbilew dawna l-kondizzjonijiet biex tkun tista' tiġi attribwita lill-individwu l-paternità naturali:

(1) li qrib iż-żmien il-konċepiment, dak li lilu tiġi attribwita l-paternità kellu relazzjonijiet intimi ma' omm it-tarbija;

(2) li omm it-tarbija ma kellhiex dawna r-relazzjonijiet fl-istess żmien ma' rġiel oħra;

(3) li fl-istess żmien, u qabel, l-omm tkun mantniet imġieba u trobbija hekk tajba li mħabba fihom għandu jiġi esklus moralment li hija seta' jkollha dawk ir-relazzjonijiet ma' rġiel oħra barra minn mal-missier tat-tarbija. (Kollez. Vol. XXIV, i, 780; XXVII, i, 437; XVIII, i, 458; XXX, i, 443).

Ikkunsidrat:

Li għar-rigward ta' l-ewwel rekwiżit, ma hemmx xi tgħid xejn għaliex il-konvenut ammetta li kellu x'jaqsam ma' l-attriċi qrib żmien il-konċepiment, dwar it-tieni rekwiżit ma ngħabet ebda prova li l-attriċi kellha dawna r-relazzjonijiet ma' rġiel oħra fl-istess żmien. Tibqa' għalhekk it-tielet kondizzjoni, għas-soluzzjoni ekwa tagħha hemm bżonn li jingħad li kif ġie ritenut minn dawna l-Qrati, f'riċerka simili, l-moriġeratezza ta' l-omm hija relativa u għandha tiġi ntisa fis-sens li hija ma tkunx wriet kostumi faċili fl-epoka qrib il-konċepiment u fil-kors tal-gravidanza (Kollez. XXXVII, iii, 768).

Li mill-provi ta' l-attriċi, f'ebda mod kontradetti mill-konvenut, irriżulta li kellha diversi ħamrati oħra qabel ma bdiet tkellem lill-konvenut u qatt ma kellha x'taqsam magħhom; iżda biss kien ikollha xi konfidenzi superfiċjali, ħlief fil-każ ta' ċertu Pawlu tal-Marsa li kellha x'taqsam miegħu meta

kellha ċirka 21 sena, iġifieri xi ħmistax-il sena qabel it-twelid tat-tarbija in kwistjoni.

Ikkunsidrat:

Li meta wieħed jiżen iċ-ċirkostanzi kollha, u speċjalment in-nuqqas totali ta' provi da parti tal-konvenut biex jistabilixxi l-"concursus plurium" fiż-żmien il-konċepiment, dina l-Qorti waslet għall-konklużjoni li m'hemmx elementi suffiċjenti biex tiġi ntorbidita l-paternità tal-konvenut, billi ma rriżultax li l-attriċi kellha relazzjonijiet intimi ma' rġiel oħra fiż-żmien legali tal-konċepiment.

Li f'dina l-kawża hija applikabbli l-konklużjoni li għaliha waslet l-On. Qorti ta' l-Appell in re "Maria Vella noe. vs. Vincenzo Caruana", deċiża fis-7 ta' Frar, 1930 fejn, tra altro, għamlet emfasi fuq il-prinċipju li għandu jimpera f'dina l-materja, b'dawna l-kliem: "Se giusta il principio più volte applicato dalla patria giurisprudenza, il giudicante in simile cause di ricerca di paternità illegittima deve usare molta circospezione perchè il sentiero si rivela tutto irto di difficoltà, non è men vero che l'usare circospezione non significa che il giudicante deve respingere l'azione specie quando le relazioni illecite sono ammesse dal preteso padre, perchè consta di leggerezza nella condotta della donna, ed in assenza della più remota prova che ella in tempi più o meno prossimi al concepimento abbia potuto conoscere un'altro uomo" (Koll. XXVII, i, 437).

Li għalhekk il-Qorti tirritjeni li l-konvenut huwa l-missier naturali tal-minuri Joseph Borg li twieled mir-relazzjonijiet illeċiti li l-attriċi kellha mal-konvenut.

OMISSIS;

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel u t-tieni talba ta' l-attriċi nomine, u għall-finijiet tat-tieni talba tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi nomine mil-lum il-pensjoni alimentarja ta' erba' xelini (4s.) kuljum li titħallas bil-ġimgħa bil-quddiem fid-dar ta' l-abitazzjoni tagħha.

L-ispejjeż jibqgħu kollha a kariku tal-konvenut.